# 70 sena mal-Qalb ta' Ġesù

**Kitba ta' John Agius**

Din is-sena taħbat is-70 sena minn meta fi Pjazza Spinola kienet inkixfet l-istatwa tal-Qalb ta' Ġesú. Kien fl-4 ta' Lulju 1948 li l-Arċisqof Mikiel Gonzi, b'solenita' kbira u fost miġemgħa ta' nies, kien bierek l-istatwa. Il-parroċċa ta' San Ġiljan kienet waħda minn tal-ewwel f'Malta li kienet ikkonsagrata lill-Qalb ta' Ġesù u l-istatwa twaqqfet bħala tifkira tz' din l-okkażjoni.



*L-4 ta' Lulju 1948 - It-tberik tal-istatwa tal-Qalb ta' Ġesù*

L-istatwa tal-irħam swiet 300 lira u inħadmet l-Italja u x-xogħol kien fdat f'idejn il-Perit J. Cousin. Il-flus bdew jinġabru mill-parruċċani, iżda dawn ma kienux biżżejjed, u għalhekk is-Sinjuri Ignazju u Karmenu Bonello, li kellhom ħanut tal-merċa fi Triq San Ġorġ, ħarġu l-bqija tal-flus meħtieġa għat-twaqqif ta' dan il-monument.

Minn dak inhar sal-lum għaddew dawk is-snin kollha, u jekk ngħid li, għalija, qishom kienu l-bieraħ, żgur li ma niġix emmnut. Għalkemm l-istatwa, s'issa, qatt ma tmesset minn fejn hi, madwarha sar ħafna progress.

Dak iż-żmien, istatwa tal-Qalb ta' Ġesu' kienet tidher stunata waħedha. La kellha bordura ta' ħadid imdawwar magħha u wisq anqas fjuri. Matul il-ġurnata kien ikun hemm xi ftit karozzini ħdejha peress li kienu meqjusa bħala l-aħjar trasport ta' dak iż-żmien, fejn l-aqwa klijenti tagħhom kienu dawk is-suldati stazzjonati fil-barracks ta' Sant'Andru u San Patrizju. Attivita' matul il-ġurnata sa x'ħin taqa' d-dalma ftit li xejn kien hawn, għalkemm fis-sajf kien popolari ħafna r-Rockyvale, illum Tigulio. Ma rridx ninsa nsemmi l-Każin tal-Banda San Ġiljan fejn dan matul is-sena kollha kien attiv, imma malli jaqbżu t-tmienja ta' filgħaxija, kienu jonqsu ħafna l-membri.



70 sena ilu, f'dik il-pjazza, tagħmel kemm tagħmel xita, qatt ma kienet tkun imfawwra, u ġieli anke mgħarrqa bl-ilma tax-xita. Dan peress li warajha, la kien hemm Triq Mikel Anġ Borg, la l-pont u lanqas il-knisja parrokkjali. Ħlief għelieqi ma kienx hemm. Bini fi Triq Wied Għomor kien hemm xi tużżana b'kollox, u kollha b'għoli ta' żewġ sulari.

San Ġiljan kien popolari ħafna max-xalati tal-festi, tista' tgħid minn Malta kollha li kienu jieħdu l-okkażjoni li jgħaddu minn ħdejna u tas-Sliema sakemm jaqbdu r-rotta lura lejn ir-raħal taħhom, u nhar ta' Tnejn ħafna kienu jinżlu sabiex jaraw





il-privates u trakkijiet tal-ġebel mimlijin bin-nies għaddejjin wara xulxin idoqqu l-ħornijiet u jaħarqu s-suffarelli. Kienu jkunu sriebet twal u għalina t-tfal kienet għaxqa tagħna biex naqtgħu ta' liema raħal kienu jappartjienu. Fis-snin li qed insemmi Triq Reġjonali kienu għadhom lanqas biss ħolmu biha.

Imbagħad, snin wara bdew deħlin il-karozzi tal-linja, u għamlu diversi snin jużaw il-pjazza bħala terminus. Il-ħajja bdiet tieħu sura oħra, l-aktar bi ftuħ ta' ħwienet oħra, F'daqqa' waħda, mal-bini tal-knisja l-ġdida, fil-Pjazza Qalb ta' Ġesu', u fl-iħawi beda jidher ma' kull ġurnata progress kbir li għadna



għaddejjin bih s'issa.

Fil-preżent, daqsi tafu kemm saret popolari dil-pjazza. Ma tistax tgħaddi kompetizzjoni tat-Tazza tad-Dinja, li mhux kulħadd jiġi jiżvoga r-rebħ jew telfa ta' xi pajjiż. F'kull elezzjoni ġenerali l-partit rebbieħ jiġi jiċċelebra r-rebħa tiegħu hawn. Maratoni jibdew jew jispiċċaw madwarha. Waqt li anke mixjiet b'għan filantropiku dejjem idaħħlu l-pjazza fil-kalendarju tagħhom.

## SAN PATRIZJU U SAN ĠILJAN

Issa, fix-xahar ta' Marzu, fil-Pjazza tal-Qalb ta' Ġesu' qed tkun iċċelebrata wkoll il-festa ta' San Patrizju. Kieku jkollna niġu għall-argument li bejn San Ġiljan u San Patrizju 'norganizzaw' li logħba football bejniethom, bla tlaqlieq ta' xejn ngħid li San Ġiljan, għalkemm ikun qed jilgħab home xorta jispiċċa fuq in-naħa tat-telliefa, bil-kwantita' kbira ta' nies li saru jattendu għall-festa ta' San Patrizju. Huwa progress, imma fl-istess ħin, għar-residenti hija biċċa uġiegħ ta' ras li żgur ma jkollhomx bżonnha.

Nittama li b'din il-kitba nissilt xi ftit ta' nostalija lil dawk li bħali qed joqorbu lejn it-tmenin. Għaxar snin ilu, f'dan l-istess Programm tal-Festa, kont ktibt dwar kif kienu saru l-avvenimenti tat-twaqqif tal-Pjazza Qalb ta' Ġesu'. Għaxar snin oħra?......